

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Frar 2008

li tistabbilixxi l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penalità impost fuq il-Korporazzjoni Microsoft permezz tad-Deċiżjoni C(2005) 4220 finali

(Każ COMP/C-3/37.792 – Microsoft)

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 764 finali)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2009/C 166/08)

Fis-27 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tistabbilixxi l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penalità impost fuq il-Korporazzjoni Microsoft permezz tad-Deċiżjoni C(2005) 4420 finali ("id-Deċiżjoni ta' Frar 2008"). B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003⁽¹⁾, il-Kummissjoni qiegħda b'dan tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-Deċiżjoni, inkluża kull multa imposta, wara li kkunsidrat l-interess legali tal-impriżi għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tagħhom. Verżjoni mhux konfidenzjali tat-test sħiħ tad-deċiżjoni tinsab fl-ilsien awtentiku tal-każ u fl-ilsna li bihom taħdem il-Kummissjoni fuq il-websajt tad-DĠ COMP:

http://europa.eu.int/comm/competition/index_en.html

1. SOMMARJU TAL-KAŻ

1.1. L-Isfond tal-każ

1. Fl-24 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni 2007/53/EC fi proċediment skont l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE (Każ COMP/C-3/37.792) indirzzat lill-Korporazzjoni Microsoft ("Microsoft")⁽²⁾. F'din id-deċiżjoni ("id-Deċiżjoni"), il-Kummissjoni sabet, inter alia, li Microsoft kienet kisret l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE ("l-Artikolu 82 tal-KE") u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("l-Artikolu 54 ŻEE") billi rrifjutat, minn Ottubru 1998 sad-data tad-Deċiżjoni, li tiżvela ċerta "Informazzjoni ta' Interoperabbiltà"⁽³⁾ speċifika lill-bejjiegħa ta' prodotti ta' sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma, sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw u jiddistribwixxu prodotti interoperabbli.

2. L-Artikolu 5 (a) u (c) tal-parti operattiva tad-Deċiżjoni tinqara kif ġej:

"(a) Il-Korporazzjoni Microsoft għandha, fi żmien 120 jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, tagħmel l-Infommazzjoni ta' Interoperabbiltà disponibbli lil kwalunkwe impriża interessata fl-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' prodotti ta' sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma u għandha, b'termini raġonevoli u mhux diskriminatorji, tippermetti l-użu tal-Infommazzjoni ta' Interoperabbiltà minn tali impriżi għall-iskop

tal-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' prodotti ta' sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma.[...]

- (c) Il-Korporazzjoni Microsoft għandha, fi żmien 120 jum mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, twaqqaf mekkaniżmu ta' valutazzjoni li jagħti lill-impriżi interessati possibbiltà fattibbli sabiex jinfurmaw ruħhom dwar il-firxa u t-termini tal-użu tal-Infommazzjoni tal-Interoperabbiltà; fir-rigward ta' dan il-mekkaniżmu tal-valutazzjoni, il-Korporazzjoni Microsoft tista' timponi kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji sabiex tiżgura li l-aċċess għall-Infommazzjoni tal-Interoperabbiltà jingħata biss għall-finijiet tal-valutazzjoni."

1.2. Nuqqas ta' konformità mad-Deċiżjoni

3. Fid-dawl tan-nuqqas ta' konformità kontinwa tal-Microsoft mad-Deċiżjoni, wara aktar minn sena mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni, fl-10 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li timponi pagament perjodiku ta' penalità fuq Microsoft skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ("l-Artikolu 24(1) Deċiżjoni"). L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 24(1) jinqara kif ġej:

"Sal-15 ta' Diċembru 2005, il-Korporazzjoni Microsoft għandha tiżgura li tissodisfa bis-sħiħ l-obbligi stipulati fl-Artikolu 5(a) u (c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2004) 900) tal-24 ta' Marzu 2004.

Fl-assenza ta' din il-konformità, pagament perjodiku ta' penalità ta' EUR 2 miljuni kuljum, ikkalkulat minn dik id-data, għandu jiġi impost fuq il-Korporazzjoni Microsoft."

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 32, 6.2.2007, p. 23.

⁽³⁾ It-terminu "informazzjoni ta' interoperabbiltà" huwa mfiisser fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni. Ifisser "l-ispeċifikazzjonijiet sħaħ u preċiżi għall-Protokoll kollha implimentati fis-sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma tal-Windows u li jintużaw mis-Servers ta' Gruppi ta' Ħidma tal-Windows għall-għoti ta' fajls u servizzi ta' stampar u servizzi ta' amministrazzjoni ta' grupp u ta' utent, inklużi s-servizzi ta' Windows Domain Controller, is-servizzi ta' Active Directory u s-servizzi ta' Group Policy, għal Windows Work Group Networks".

4. L-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni identifika b'mod preliminari żewġ sitwazzjonijiet fejn Microsoft ma kkonformatx mal-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5(a) u (c) tad-Deċiżjoni Finali 2004. L-ewwelnett Microsoft ma pprovdietx dokumentazzjoni teknika sħiħa u preċiża li tinkopora l-Infurmazzjoni ta' Interoperabbiltà. It-tieni, il-livelli ta' remunerazzjoni imposti minn Microsoft f'dak iż-żmien għall-aċċess ta' jew l-użu tal-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà ġew meqjusin bħala mhux raġonevoli.
5. Bħala segwitu għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni skont l-Artikolu 24(1), Microsoft forniet deskrizzjoni teknika riveduta tal-protokoll li kienu relevanti għall-komunikazzjoni bejn kompjuters (PCs) tal-Windows u servers ta' gruppi ta' ħidma (id-"Dokumentazzjoni Teknika")⁽¹⁾ Ir-reviżjoni li saret tal-verżjonijiet differenti tad-Dokumentazzjoni Teknika li ġiet fornita minn Microsoft wasslet għal konklużjoni li d-dokumentazzjoni xorta waħda ma kinitx tipprovdi infurmazzjoni ta' interoperabbiltà preċiża lill-impriżi interessati kif mitlub mid-Deċiżjoni 2004.
6. Fit-12 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) 1/2003 li stabiliet iċ-ċifra ta' EUR 280,5 miljun bħala l-ammont definittiv tal-pagament per iodiku ta' penali ta' impost mid-Deċiżjoni 24(1) għall-perjodu bejn is-16 ta' Deċembru 2005 u l-20 ta' Ġunju 2006 fir-rigward tal-ewwel sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità li ġiet identifikata fid-Deċiżjoni skont l-Artikolu 24(1), jiġifieri n-nuqqas min-naħa ta' Microsoft li tforni dokumentazzjoni teknika sħiħa u preċiża li tinkopora l-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà.
7. Id-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2006 emendat ukoll l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni skont l-Artikolu 24(1) b'tali mod li żiedet l-ammont definittiv tal-pagament per iodiku ta' penali ta' impost fuq Microsoft minħabba li ma kkonformatx mal-obbligazzjonijiet tagħha taħt l-Artikolu 5(a) u (c) tad-Deċiżjoni tal-2004 għal EUR 3 miljun kuljum mill-1 ta' Awwissu 2006.
8. Filwaqt li l-ħidma fuq id-Dokumentazzjoni Teknika baqgħet għaddejja, il-Kummissjoni indirizzat it-tieni sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità li ġiet identifikata fid-Deċiżjoni skont l-Artikolu 24(1), jiġifieri n-nuqqas min-naħa ta' Microsoft li tagħmel l-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà disponibbli b'termini raġonevoli.
9. Wara li Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ġiet indirizzata lil Microsoft fl-1 ta' Marzu 2007, Microsoft, fil-21 ta' Mejju 2007, resqet Programm ta' Protokoll dwar is-Servers ta' gruppi ta' ħidma ("WSPP") li jiggverna l-aċċess għal u l-użu tal-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà. Dawn il-ftehimiet kienu jinkludu tabella bil-pagamenti ta' royalties fejn ir-rati aktar baxxi ġew mqabblin ma' dawk li kienu offruti qabel. Microsoft stqarriet li kienet se tapplika dawn ir-rati aktar baxxi b'data ta' applikazzjoni "retroattiva" mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2004. Microsoft kienet resqet, f'diversi okkażjonijiet, verżjonijiet irrieduti tal-iskemi dwar remunerazzjoni tal-WSPP tagħha, fejn l-ewwel verżjoni ġiet bid-data tad-29 ta' Ottubru 2004, u kienet baxxiet ir-rati ta' remunerazzjoni applikabbli f'diversi okkażjonijiet.

1.3. Passi ta' proċedura

10. Fl-1 ta' Marzu 2007, ġiet indirizzata Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Microsoft ("id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet") li fessret fil-qosor il-konklużjoni preliminari li Microsoft kienet għadha qiegħda tonqos mill-obbligazzjoni tagħha li tagħmel l-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà disponibbli fuq termini raġonevoli u mhux diskriminatorji.
11. Fit-23 ta' April 2007 Microsoft resqet ir-risposta tagħha dwar id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet u rrifjutat il-possibilità li nġhatatilha għal seduta orali.
12. Fil-21 ta' Mejju 2007, Microsoft resqet Ftehimiet irrieduti marbutin mal-Programm ta' Protokoll dwar is-Servers ta' gruppi ta' ħidma ("WSPP") li jirregolaw l-aċċess għal u l-użu tal-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà. Dawn il-ftehimiet kienu jinkludu Tabella Riveduta bil-Pagamenti ta' Drittijiet ("l-iskema dwar remunerazzjoni tal-21 ta' Mejju 2007"). Microsoft stqarriet li "issa kienet se toffri dawn ir-rati aktar baxxi fis-suq, b'mod uffiċjali", b'data ta' applikazzjoni "retroattiva" mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni. Microsoft kienet resqet f'diversi okkażjonijiet verżjonijiet irrieduti tal-iskemi dwar remunerazzjoni tad-WSPP tagħha, fejn l-ewwel verżjoni kienet iġġorr id-data tad-29 ta' Ottubru 2004, u wara li saru xi diskussjonijiet kienet baxxiet ir-rati ta' remunerazzjoni applikabbli f'diversi okkażjonijiet. Dawn l-iskemi kollha ġew ikkunsidrati bħala mhux raġonevoli taħt il-kriterji għall-istabbiliment tal-prezzijiet li jiffurmaw il-bażi tad-Deċiżjoni kif jidher fil-Prinċipji għall-Istabbiliment tal-Prezzijiet tal-WSPP li sar ftehim dwarhom ma' Microsoft. Dawn il-prinċipji jiddependu fuq tliet kriterji li jirreflettu l-valur tal-Infurmazzjoni ta' Interoperabbiltà ta' Microsoft għall-utenti tagħha fejn qiegħed jiġi eskluż "il-valur strateġiku" mnissel mis-saħħa li Microsoft tgawdi minnha fis-suq tas-sistemi operattivi tal-Kompjuters Personali jew fis-suq tas-sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma (jiġifieri, il-ħolqien ta' Microsoft stess, innovazzjoni u paragon b'teknoloġiji simili)
13. Fl-24 ta' Ġunju 2007, intbagħtet ltra tal-Fatti lil Microsoft li fiha ġew evalwati r-reviżjonijiet li saru fl-iskema ta' remunerazzjoni ta' Microsoft li ġew introdotti wara l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet u stiednet l-impriża biex tressaq il-kummenti tagħha, li fil-fatt għamlet fil-31 ta' Awwissu 2007.
14. Fit-22 ta' Ottubru 2007 Microsoft introduċiet skema ta' remunerazzjoni ġdida għall-Ftehimiet WSPP. Din l-iskema ġdida tipprevedi Ftehim Mingħajr Privattiv li fih l-aċċess għal u l-użu tal-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà huwa permess permezz ta' pagament ta' EUR 10 000 li jitħallas darba biss. Ftehim dwar Privattiv li jipprovdi għall-ġhota ta' liċenzja ta' privattiv fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-infurmazzjoni ta' interoperabbiltà li skont Microsoft jaqgħu taħt privattivi, biex tintuża jew madwar id-dinja għal drittijiet ta' 0,4 % tad-dħul nett tal-parti terzi li tkun ingħatatilha l-liċenzja jew inkella għall-prezz li jinqasam, li

⁽¹⁾ L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-2004 jfisser "Protokoll" bħala sett ta' regoli ta' interkonnessioni u interazzjoni bejn diversi eżempji ta' sistemi operattivi tas-servers tal-gruppi ta' ħidma tal-Windows u Sistemi Operattivi ta' PCs tal-Windows Client li jiffunzjonaw fuq kompjuters differenti fin-Netwerk ta' Gruppi ta' Ħidma tal-Windows.

jipprevedi drittijiet ta' drittijiet ta' 0,25 % fiż-ŻEE u 3,87 % għal lokalitajiet oħra fid-dinja. Meta kienet qiegħda tadotta d-deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-iskema tar-rimunerazzjoni tat-22 ta' Ottubru 2007 m'għandhiex tqajjem oġġezzjonijiet dwar kemm hi raġonevoli u n-natura mhux diskriminatorja tar-rati ta' rimunerazzjoni.

1.4. Il-kumpanija u l-prodott ikkonċernat

15. Microsoft hija kumpanija tas-software bbażata f'Redmond, fl-Istat ta' Washington, l-Istati Uniti tal-Amerika. Id-dħul ta' Microsoft għas-sena fiskali Lulju 2006 sa Ġunju 2007 kien USD 51 120 miljun. Microsoft timpjega 78 500 persuna madwar id-dinja. Microsoft għandha preżenza fil-pajjiżi kollha fi ħdan iż-ŻEE.
16. Il-prodotti milquta mill-proċedura preżenti huma l-“is-sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma tal-Windows” kif imfissrin fl-Artikolu 1(9) tad-Deċiżjoni

1.5. In-natura tan-nuqqas ta' konformità

17. Kif stipulat fil-premessa 1003 tad-Deċiżjoni, l-għan tad-Deċiżjoni“huwa li jiżgura li l-kompetituri ta' Microsoft ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti li huma interoperabbli mal-arkitettura tad-domain Windows oriġinarjament appoġġata mis-sistemi operattivi Windows tal-PC tal-klijenti, biex b'hekk ikunu jistgħu jikkompetu direttament mal-prodotti tas-sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma tal-Microsoft”
18. Kif stipulat fil-premessa 1008 tad-Deċiżjoni, “il-ħtieġa li t-termini imposti minn Microsoft għandhom ikunu raġonevoli u mhux diskriminatorji tapplika b'mod partikolari [...] (ii) għal kwalunkwe rimunerazzjoni li Microsoft tista' ddaħħal minn fuq forniture; rimunerazzjoni bħal din m'għandhiex tirrifletti 'l-valur strateġiku' mnissel mis-saħħa li tgawdi minnha Microsoft fis-suq tas-sistemi operattivi għal PCs jew fis-suq tas-sistemi operattivi għal servers ta' gruppi ta' ħidma”
19. Id-Deċiżjoni ta' Frar 2008 tevalwa l-konformità ta' Microsoft mal-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-Ftehimiet tal-WSPP riveduti kif intbagħtu minn Microsoft fil-21 ta' Mejju 2007 flimkien mal-iskema dwar rimunerazzjoni tal-WSPP li ġiet applikata minnha. Peress li din l-iskema dwar rimunerazzjoni ttiprovdi għal rati ta' rimunerazzjoni aktar baxxi mill-verżjonijiet tal-Ftehimiet tal-WSPP ta' qabel, l-ewalwazzjoni tapplika wkoll, *a fortiori*, għal skemi ta' rimunerazzjoni ta' dawn il-verżjonijiet ta' qabel. Taħt l-iskema rata ta' 0,5 % tad-dħul nett tar-recipient trid titħallas għall-protokoll kollha tad-WSPP taħt il-Ftehim ta' Renunzja għal Privattiv tad-WSPP u rata ta' 0,7 % tad-dħul nett tar-recipient trid titħallas għall-liċensji kollha ta' privattivi li jkopru il-protokoll tad-WSPP taħt il-Ftehim ta' Privattiv Biss tad-WSPP.

20. Id-Deċiżjoni ta' Frar 2008 tiffoka fuq l-obligu ta' Microsoft skont l-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 2004 li tagħmel disponibbli Informazzjoni ta' Inoperabbilità li ma taqax taħt privattiv għal prezz raġonevoli.
21. Fid-Deċiżjoni ta' Frar 2008 il-Kummissjoni tfisser fil-qosor li l-Prinċipji tal-Prezzijiet tad-WSPP jirreflettu kif suppost il-loġika wara d-Deċiżjoni 2004 kif imfissra fil-Premessi 1003 u 1008 (ii). Id-deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2008 tikkonkludi li fin-nuqqas ta' evidenza konvinċenti fir-rigward tan-natura nnovattiva tat-teknoloġiji ta' protokoll kważi kollha ta' Microsoft li ma jaqawx taħt privattiv u li ġew żvelati flimkien mad-dokumentazzjoni teknika tal-informazzjoni ta' Interoperabilità u b'ħarsa lejn valur fis-suq ta' teknoloġiji kumparabbli (cf. is-sommaraju tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-prezzijiet fil-paragrafu 11 hawn fuq), l-iskemi ta' dħul ta' Microsoft qabel it-22 ta' Ottubru 2007 għandhom jitqiesu bħala mhux raġonevoli taħt l-Artikoli 5 (a) tad-Deċiżjoni. Din l-evalwazzjoni hija appoġġata minn rapporti tal-Amministratur Sorveljanti kif ukoll minn esperti tekniċi esterni, TAEUS.

2. L-AMMONT DEFINITTIV TAL-PAGAMENT PERJODIKU TA' PENALI

2.1. Il-perjodu relevanti għal nuqqas ta' konformità

22. Din id-Deċiżjoni ta' Frar 2008 tikkonċerna il-perjodu mill-21 ta' Ġunju 2006 sal-21 ta' Ottubru 2007 (“il-perjodu relevanti”).

2.2. L-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali għall-perjodu relevanti

23. Id-deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2008 tistabilixxi l-ammont definittiv ta' EUR 899 miljun bħala l-pagament perjodiku ta' penali impost fuq Microsoft għall-perjodu relevanti.
24. B'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, fejn l-impriża kkonċernata ssodisfat l-obbligi li kellha tiġi nfużata mill-pagament perjodiku ta' penali, il-Kummissjoni tista' tfassal l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali għal ċifra aktar baxxa minn dik li kienet se tidher taħt id-deċiżjoni oriġinali.
25. Meta jkun qiegħed jiġi kkalkulat l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali, *inter alia*, ġew ikkunsidrati, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:
 - In-nuqqas ta' konformità persistenti fir-rigward tar-rimunerazzjoni raġonevoli u mhux diskriminatorja għall-perjodu ta' iżjed minn ħmistax-il xhar.
 - Iż-żieda ulterjuri fir-riskju li tiġi eliminata l-kompetizzjoni effettiva fis-suq tas-sistemi operattivi ta' servers għal gruppi ta' ħidma li ġiet identifikata fid-Deċiżjoni 2004.
 - Il-kapaċità li għandha Microsoft li taħsad il-benefiċċji marbutin man-nuqqas ta' konformità.

- In-neċessità li tistabilixxi pagamenti perjodiċi ta' penali li huma proporzjonali u suffiċjenti biex jostakolaw in-nuqqas ta' konformità
- Il-fatt li rati sostanzjalment aktar baxxi ġew applikati mill-21 ta' Mejju 2007
- Il-fatt li d-Deċiżjoni ta' Frar 2008 hija limitata għall-informazzjoni ta' interoperabilità *li ma taqax taħt privattiv*.

2.3. Konklużjoni

26. Għall-perjodu bejn il-21 ta' Ġunju 2006 u l-21 ta' Ottubru 2007, l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali impost fuq il-Korporazzjoni Microsoft mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4420 finali tal-10 ta' Novembru 2005 minħabba li naqset mill-obbligazzjoni tagħha li tagħmel Informazzjoni ta' Interoperabilità disponibbli għall-impriżi interessati fuq termini raġonevoli u mhux diskriminatorji skont l-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, huwa ffissat għal EUR 899 miljun fid-Deċiżjoni ta' Frar 2008.